**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**
**MAĠISTRAT**

**Rikors Numru: 93/2022 RM**

**Crosscraft Company Limited (C-6078)**

**-Vs-**

**Micra Limited (C-57445)**

**Illum, 2 ta' Frar 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat minn Crosscraft Company Limited fir-Reġistru tal-Qorti fejn talbet illi s-soċjeta' konvenuta Micra Limited tiġi kkundannata tħallasha s-somma ta' erbatax-il elf, seba' mija u erbgħa u tmenin Euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€14,784.59) jew somma oħra verjuri li tiġi likwidata oltre l-imgħax legali rappreżentanti ħlas dovut skont statement of accounts li kopji tagħhom qed jiġu annessa u esebita u mmarkata bħala Dokument A, liema pendenzi jikkonċernaw appliances li s-soċjeta' rikorrenti biegħet lis-soċjeta' konvenuta.

Illi s-soċjeta' attriċi biegħet u kkonsenjat l-appliances, skont l-invoices hawn annessi, esebiti u mmarkati bħala 'Dokument B';

Illi wara diversi interpellazzjonijiet sabiex isir il-ħlas is-soċjeta' konvenuta baqgħet inadempjenti quddiem it-talbiet tas-soċjeta rikorrenti.

Bl-ispejjez u tas-sekwestru kawtelatorju ippreżentat kontestwalment ma' dan l-avviż, u bl-inġunzjoni tas-soċjeta' konvenuta għas-subizzjoni.

Rat illi s-soċjeta' konvenuta minkejja li ġiet notifikata bir-Rikors promotur u l-avviż tas-smigħ permezz tal-proċedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 kif awtorizzat permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Ġunju 2022, baqgħet ma dehritx quddiemha biex tikkontesta l-kawza u lanqas ippreżentat xi risposta in linea ta' kontestazzjoni tat-talba attriċi;

Semghet ix-xhieda ta' Robert Farrugia Vella fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2023;

Rat illi għalkemm is-soċjeta' konvenuta ngħatat l-opportunita' li tressaq il-provi fis-seduta skedata għal dan l-iskop fil-31 ta' Jannar 2023, ħadd ma deher għaliha u baqgħet ma ressqet l-ebda provi;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza kienet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi għalkemm is-soċjeta' konvenuta, debitament notifikata bir-Rikors promotur u l-avviż tas-smigħ tal-kawża, baqgħet ma ppreżentatx risposta u lanqas deheret quddiem

il-Qorti biex tikkontesta t-talba tas-soċjeta' attriċi kif dedotta fir-Rikors promotur, dan ma jfissirx li t-talba attriċi ġiet ippruvata jew li għandha tintlaqa'. Kif inhu risaput, in-nuqqas ta' kontestazzjoni tat-talba attriċi ma jitqiesx li hija ammissjoni tal-istess talba iżda jitqies li huwa kontestazzjoni fiha nnifisha u konsegwentement, jibqa' jinkombi fuq l-attur l-oneru li jipprova l-kaz tieghu fil-grad probatorju mehtieg mil-liġi fil-kamp ċivili, ċioe` li jikkonvinċi lill-Qorti li fuq il-preponderanza tal-provi, il-kaz huwa ppruvat fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet.

Illi fil-każ odjern, il-kumpannija attrici ressqet bħala xhud lid-direttur tagħha Robert Farrugia Vella li xehed bil-ġurament[1] illi s-soċjeta' attriċi biegħet lis-soċjeta' konvenuta diversi appliances. Inħarġu diversi fatturi[2] li ġew maqsuma f'żewġ kontijiet li dwarhom inħarġu *statements* fl-20 ta' Ottubru 2021: statement waħda[3] bil-fatturi għall-bejgħ ta' appliances li kienu intiżi biex jinbiegħu lill-klienti tas-soċjeta' konvenuta, fis-somma totali ta' €11,461.58, u *statement* oħra[4] bil-fatturi għall-bejgħ ta' appliances intiżi biex jitqiegħdu għall-wirja (*display*) fl-istabbiliment tal-istess soċjeta' konvenuta, fis-somma totali ta' €3,323.01[5]. Ikkonferma wkoll illi għalkemm dawn l-appliances ġew ikkonsenjati lis-soċjeta' konvenuta u minkejja diversi tenattivi biex jinġabar il-pagament dovut fejn is-soċjeta' konvenuta kienet anke ħarġet cheques li baqgħu ma ssarfux, il-prezz komplessiv ta' €14,784.95, baqa' ma tħallasx. Fix-xhieda tiegħu, Robert Farrugia Vella kkonferma wkoll illi l- ammont kollu ta' €14,784.59 għadu dovut sal-lum. Dan hu l-ammont li qed jigi reklamat fir-Rikors promotur.

Dawn il-provi ma gewx kontradetti mis-soċjeta' konvenuta li, kif ingħad, ma ressqet l-ebda provi u fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi s-socjeta` attrici rnexxielha tipprova b'mod sodisfacjenti u fil-grad mehtieg fil-kamp civili, illi l-ammont reklamat minnha ta' €14,784.59, kif sostanzjat mid-dokumenti ossia fatturi li ġew esebiti fl-atti tal-kawża, huwa dovut lilha mis-soċjeta' konvenuta.

---

[1] Xhieda tat-23 ta' Jannar 2023.
[2] Dokument B, minn paġna 4 sa paġna 18 tal-atti tal-kawża : diversi invoices.
[3] Dokument A, paġna 2 tal-atti tal-kawża.
[4] Dokument A, paġna 3 tal-atti tal-kawża.
[5] B'kollox, €14,784.59.

**Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' CROSSCRAFT COMPANY LIMITED u tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta MICRA LIMITED tħallas lill-istess soċjeta' attriċi is-somma ta' erbatax-il elf seba' mija u erbgħa u tmenin Euro u disgħa u ħamsin ċenteżmu (€14,784.59) għar-raġunijiet indikati fir-Rikors promotur, bl-imghax mid-data meta l-obbligazzjoni tal-ħlas ta' kull fattura sar dovut, u bl-ispejjeż kif mitlub fl-istess Rikors promotur jitħallsu wkoll mis-soċjeta' konvenuta.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**